# SAN GUZEPP KIEN MEQJUS BHALA MISSIER GESÙ

L-Iben Etern ta’ Alla tnissel fil-guf tal-Vergni Mbierka, mhux bil-qawwa tal-bniedem, imma bil-hidma tal-Ispirtu s-Santu. Meta sar bniedem, Kristu twieled u gie accettat f’familja umana ghax ried isir bhalna f’kollox, hlief id-dnub.



Wahda mir-ragunijiet ewlenin ghaliex Kristu twieled f’familja kienet minhabba l-fatt li skont il-ligi naturali divina  t-tfal ghandhom jitwieldu minn koppja mizzewga.

Kien hemm raguni ohra ghala Kristu kellu jitwieled f’familja. Alla jikxef il-misteri Tieghu tas-salvazzjoni lid-dinja bil-mod il-mod, u s’issa l-bnedmin ma kinux ippreparati ghall-ahbar it-tajba li t-Tieni Persuna tat-Trinità hadet fuqha l-gisem ta’ bniedem ghas-salvazzjoni taghna, jew ghall-ahbar tal-koncepiment verginali tas-

Salvatur. Ghalhekk kien jaghmel hsara lill-kawza tal-fidwa umana li kieku Kristu sar bniedem barra minn familja umana: dan kien igib dizunur fuq is-Salvatur, u fuq ommu wkoll, peress li hafna kienu jqisuha hatja li kisret serjament il-ligi morali ta' Alla.

Nistghu naraw, ghalhekk, il-vantagg kbir li Kristu twieled miz-zwieg ta' Marija u Guzeppi, u kif dan agixxa bhala velu fuq id-disinji inskrutabbli tal-Providenza sakemm id-dinja setghet tgawdi minn dan l-izvelar. Fil-fatt l-evangelji ma jindikawx li Kristu qatt kixef dan il-misteru tal-koncepiment verginali tieghu qabel ma kien wera d-divinità tieghu u b'hekk hejja l-imhuh tal-bnedmin biex jaccettaw dan il-misteru.

Uhud mit-testi tal-Iskrittura Mqaddsa, specjalment fit-tieni kapitlu ta' San Luqa, isejhu lil San Guzepp missier Gesù, kif Marija tissejjah Ommu. Meta jirregistra l-prezentazzjoni tal-Bambin fit-tempju, San Luqa jikteb: "u meta l-genituri Tieghu gabu lit-tarbija Gesù" 2 Wara l-profezija ta' Simeon ikompli r-rakkont: "missieru u ommu kienu mistaghgba b'dak li ntqal dwaru" Meta Kristu tela' fit-tempju fl-età ta' tnax-il sena, naqraw: "U l-genituri tieghu kienu jmorru kull sena Gerusalemm fil-festa tal-Ghid. U meta kellu tnax-il sena, telghu. lejn Gerusalemm skond id-drawwa tal-festa U wara li wettqu l-granet,

meta kienu qed jergghu lura, it-tifel Gesù baqa' Gerusalemm, u l-genituri tieghu ma kinux jafu" Meta nnutaw li t-tifel kien nieqes, Guzeppi u Marija fittxewh ghal tlett ijiem sakemm skoprew li binhom kien qieghed fit-tempju. F'dik l-okkazjoni l-evangelju jirrelata l-kliem ta' Marija lil Gesu': "Ara, missierek u jiena konna qeghdin infittxuk b'qalbna maqsuma!"